MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2006

Rikors Numru. 2/2006

**George u Maria konjugi Attard**

**vs**

**Emanuela sive Lily Mallia u b`digriet tal-Qorti tat-22 ta` Frar, 2006 gie kjamat fil-kawza d-Direttur Generali tal-Qorti u b`digriet tal-Qorti tad-9 ta` Marzu, 2006 gie kjamat in kawza ir-Registratur tal-Qrati Civili u tat-Tribunali Civili**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fit-12 ta` Jannar, 2006, mill-konjugi Attard, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

B`sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet inversi (Rikors Nru. 69/01 JC) tat-12 ta` Jannar,

2005 l-esponenti kienu gew ordnati jizgumbraw mill-fond 1, Narrow Street, Naxxar.

Permezz ta` rikors ta` ritrattazzjoni ta` l-istess esponenti pprezentat quddiem il-Qorti ta` l-Appell, ir-rikorrenti talbu li l-appell jigi ritrattat mill-gdid a bazi tal-Artikoli 811 (1), (i) u (e) tal-Kap. 12.

Fis-seduta tal-26 ta` Ottubru, 2005, il-Qorti tal-Appell iddikjarat ir-rikors tar-ritrattazzjoni bhala dezert billi, skond il-Qorti, l-esponenti naqsu milli jaghtu dik il-garanzija rikjesta bhala pregudizzjali taht l-Artikoli 823 (2) (a) tal-Kap. 12 u dan stante li deher li l-esponenti ma hallsux kawtela ta` tnejn u ghoxrin lira (Lm 22).

Rrizulta li l-esponenti qatt ma rcevew il-kawtela u kwindi qatt ma setghu jhallsu l-kawtela in kwistjoni.

Permezz ta` rikors ipprezentat fl-atti tar-ritrattazzjoni quddiem il-Qorti ta` l-Appell l-esponenti talbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tappunta r-rikors ghas-smiegh sabiex l-esponenti jinghataw l-opportunita` jressqu evidenza sabiex jippruvaw li huma qatt ma rcevew l-avviz tal-kawtela.

Permezz ta` digriet tat-3 ta` Novembru, 2005 l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell cahdet it-talba in camera minghajr ma semghet lill-esponenti billi *“dak allegat mir-rikorrenti ma ghandux mill-verita`”*.

Wara ndagini li ghamlu l-esponenti rrizulta li l-Qorti ta` l-Appell bghatet ghall-purtier in kwistjoni in privat u hadet xi taghrif minghandu fuq it-talba ta` l-esponenti u minghajr ma semghet lill-esponenti in udjenza accettat bhala vangelu l-verzjoni tal-purtier in kwistjoni u cahdet id-dritt tal-esponenti biex jikkuntrarjaw lill-purtier permezz ta` digriet camerali.

Dan l-agir jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta billi l-esponenti gew effettivament imcahhda minn smiegh xieraq u mid-dritt taghhom ta` *audi alteram partem*.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprovdi rimedju ghar-rikorrenti in vista tac-cirkostanzi tal-kaz u cioe` li l-esponenti jinghataw l-opportunita` jressqu l-provi quddiem il-Qorti tal-Appell dwar il-kwistjoni tal-kawtela, salv kull provvediment li jidhrilha xieraq tordna din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta ta` Emanuela sive Lily Mallia li in forza taghha eccepiet illi:

1. **In linea preliminari**, l-esponenti mhix il-legittima kontradittrici tar-rikorrenti. Ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

2. **Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu**, l-esponenti tissottometti li dak li r-rikorrenti jippremettu fil-paragrafi erbgha, sitta u seba` tar-rikors taghhom huma biss allegazzjonijiet li b`ebda mod ma gew konfermati bil-gurament.

3. Fi kwalunkwe kaz, id-digriet tad-dizerzjoni moghti mill-Onor. Qorti tal-Appell fis-26 ta` Ottubru, 2005 wara r-rikors ghal ritrattazzjoni tar-rikorrenti huwa validu u vinkolanti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

4. L-istess ighodd ghad-digriet kamerali tal-Onor. Qorti tal-Appell moghti fit-3 ta` Novembru, 2005 u msemmi fis-sitt paragrafu tar-rikors stante li mhux biss huwa validu u vinkolanti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, izda huwa konformi ma` dak li huwa provdut fl-Art. 39(2) tal-Kostituzzjoni, kuntrarjament ghal dak pretiz mir-rikorrenti.

5. Fil-verita`, ir-rikors odjern huwa frivolu u vessatorju u ghandu biss fini wiehed: dak li r-rikorrenti jtawwlu sal-limitu tal-irragonevoli l-izgumbrament taghhom mill-fond proprjeta` tal-esponenti kif kien deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell fit-12 ta` Jannar, 2005.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-22 ta` Frar, 2006, li in forza tieghu, fuq talba tar-rikorrenti, ordnat il-kjamata fil-kawza tad-Direttur Generali tal-Qorti;

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali tal-Qorti li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Huwa mhux legittimu kontradittur f`dil kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra tar-rikorrenti stante li:

(a) il-mansjoni tieghi hija regolata permezz ta` l-Avviz Legali 139/2004 u huwa biss responsabbli mit-tmexxija ta` l-amministrazzjoni tad-Divizjoni tal-Qrati tal-Gustizzja u bl-ebda mod ma jizvolgi rwoli ta` Registratur, jew rapprezentant tal-Gudikatura jew tal-Gudikanti.

(b) illi l-anqas ma huwa responsabbli ghall-operat tal-Gudikatura u/jew tal-Gudikanti jew ta` decizjonijiet moghtija minnhom jew ta` diskrezzjoni ezercitata minnhom u b`hekk huwa ma jirrispondix ghall-allegati atti ta` azjoni jew omissjoni tal-Gudikatura u/jew tal-Gudikanti b`mod individwali.

2. Fi kwalunkwe kaz l-intimat ma ghandu ebda setgha fuq proceduri gudizzjarji u fuq l-andament taghhom u b`hekk ma setgha qatt jaghmel atti ta` ksur ta` l-art. 39 (2) tal-Kostituzzjoni u effettivament bl-ebda mod ma cahhad lil hadd mid-dritt ta` smiegh xieraq u ta` l-*‘audi alteram partem’*.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-10 ta` Marzu, 2006, li in forza tieghu, fuq talba tar-rikorrenti, ordnat il-kjamata fil-kawza tar-Registratur tal-Qrati Civili u tat-Tribunali Civili;

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qrati Civili u tat-Tribunali li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Huwa mhux legittimu kontradittur f`dil kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra tar-rikorenti stante li:

(a) huwa mhux responsabbli ghall-operat tal-Gudikatura u/jew tal-Gudikanti jew ta` decizjonijiet moghtija minnhom jew ta` diskrezzjoni ezercitata minnhom u b`hekk huwa ma jirrispondix ghall-allegati atti ta` azjoni jew omissjoni tal-Gudikatura u/jew tal-Gudikanti b`mod individwali.

(b) kwalunkwe kaz l-intimat ma ghandu ebda setgha fuq proceduri gudizzjarji u fuq l-andament taghhom u b`hekk ma setgha qatt jaghmel att ta` ksur ta` l-art. 39 (2) tal-Kostituzzjoni u effettivament bl-ebda mod ma cahhad lil hadd mid-dritt ta` smiegh xieraq u ta` l-*'audi alteram partem'*.

2. Il-proceduri quddiem il-Qorti ta` l-Appell gew kondotti mill-intimat, kwantu ghal dak li huwa ta` natura prettament amministrattiva, b`mod korrett, regolari u skond il-ligi u l-istess intimat bl-ebda mod ma naqas mid-dmirijiet tieghu fir-rigward ta` dak li ghandu x`jaqsam mal-kawtela kif imsemmi mir-rikorrenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti tal-process tal-kawza "Emanuela sive Lily Mallia vs George u Maria konjugi Attard" (Rikors numru 69/01) deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` Jannar, 2005, u liema proceduri ta` ritrattazzjoni gew dikjarati dezerti fis-26 ta` Ottubru, 2005 (talba ghar-reappuntament giet michuda b`digriet tat-3 ta` Novembru, 2005);

Rat l-atti kollha ta` din il-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi b`rikors ipprezentat quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fil-31 ta` Awissu, 2001, Emanuela sive Lily Mallia talbet l-izgumbrament ta` George u Maria konjugi Attard mill-fond 1, Narrow street, Naxxar (Rikors numru 69/01/B). B`sentenza moghtija fl-1 ta` Dicembru, 2003, il-Bord li Jirregola l-Kera laqgha t-talba tar-rikorrenti u awtorizzatha terga tiehu f`idejha d-dar in kwistjoni. L-intimati George u Maria Attard hassew ruhhom aggravati b`dik id-decizjoni, u b`rikors ipprezentat fid-9 ta` Dicembru, 2003, interpenew minnha appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. B`decizjoni tat-12 ta` Jannar, 2005, l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) cahdet l-appell u ikkonfermat id-decizjoni appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

B`rikors ipprezentat fit-8 ta` April, 2005, George u Maria Attard, talbu r-ritrattazzjoni tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell. Emanuela sive Lily Mallia irceviet ir-rikors ta` ritrattazzjoni fit-18 ta` Mejju, 2005, u fl-20 ta` Gunju, 2005 ipprezentat ir-risposta taghha. Flimkien mat-talba ghar-ritrattazzjoni, George u Maria Attard resqu talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza (numru 12/05). Dawn iz-zewg kawzi kienu gew appuntati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ghas-seduta tat-22 ta` Gunju, 2005. B`dan l-appuntament, Emanuela sive Lily Mallia giet notifikata fil-15 ta` Gunju, 2005, waqt li George u Maria Attard gew notifikati fl-14 ta` Gunju, 2005. Ghalkemm Maria Attard tallega illi hija *"ma kienetx rceviet u accettat ebda avviz ta` smiegh u kawtela minkejja dak li jidher mill-atti processwali"*, dan zgur mhux minnu peress li fil-21 ta` Gunju, 2005, hi u zewgha ipprezentaw rikors quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (ir-rikors hu intestat f`isem "George Attard et") fejn iddikjaraw li l-kawza kienet appuntata ghal ghada (it-22 ta` Gunju, 2005), u talbu differiment peress li l-Avukat tal-fiducja taghhom kien sejjer ikun imsiefer fuq xoghol. Fit-22 ta` Gunju, 2005, l-Onor. Imhallef Philip Sciberras, li kien qed jippresjedi l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza peress li kien ippronunzja d-decizjoni li minnha qed issir it-talba ta` ritrattazzjoni. Il-kawza giet differita biex tkompli

tinstemgha minn dik l-Onorabbli Qorti kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Albert J. Magri ghas-seduta tas-26 ta` Ottubru, 2005.

Qabel is-seduta tas-26 ta` Ottubru, 2005, l-Avukat difensur ta` George u Maria Attard, ressaq ittra indirizzata lid-Deputat Registratur tal-Qorti fejn talab differiment peress li kellu jattendi l-isptar dak inhar filghodu stess. Fis-seduta tas-26 ta` Ottubru, 2003, gie registrat dan il-verbal:

*"Meta ssejjah l-appell deher Dr. Joseph Zammit Mckeon ghar-ritrattata Emanuela sive Lily Mallia prezenti fl-Awla.*

*Billi jirrizulta illi r-ritrattandi debitament notifikati bl-appuntament tal-kawza u bl-avviz ghall-hlas tal-kawtela naqsu li jiddepozitaw il-kawtela a tenur tal-Ligi, tiddikjara dezerti l-proceduri.*

*L-appell gie dikjarat dezert".*

Dak inhar stess, il-kawza ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza (numru 12/05) giet kancellata mil-lista peress li kienet konnessa mar-rikors 69/01 li giet dikjarata dezerta dakinhar stess.

Fis-27 ta` Ottubru, 2005, il-konjugi Attard resqu rikors quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fejn Maria Attard allegat li hi qatt ma rceviet avviz ta` smiegh u kawtela, u talbet li din l-Onorabbli Qorti tiffissa seduta sabiex tisma` lill-partijiet u lill-purtier koncernat sabiex jigi stabbilit dak allegat. B`digriet tat-3 ta` Novembru, 2005, l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahdet din it-talba tal-konjugi Attard wara li ivverbalizat li *"hadet l-informazzjoni mehtiega u dak allegat mir-rikorrenti ma ghandux mill-verita`"*.

Issa, b`dawn il-proceduri ta` natura kostituzzjonali, ipprezentat fit-12 ta` Jannar, 2006, il-konjugi George u Maria Attard qed jitolbu rimedju kontra d-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta` Novembru, 2005, billi, qed jallegaw, dak id-digriet inghata in camera minghajr ma huma gew mismugha, u ghax irrizultalhom li

dik l-Onorabbli Qorti *"baghatet ghall-purtier in kwistjoni in privat u hadet xi taghrif minghandu fuq it-talba ta` l-esponenti u minghajr ma semghet lill-esponenti in udjenza accettat bhala vangelu l-verzjoni tal-purtier in kwistjoni"*.

Din il-Qorti tibda` biex tosserva li r-riferenza fir-rikors ghall-artikolu 823(2)(a) tal-Kap. 12 huwa zbaljat, peress illi r-rikors ta` ritrattazzjoni tal-konjugi Attard kien gie dikjarat dezert mhux ghax ma gietx npprezentata garanzija rikjesta b`dak l-artikolu, izda ghax ma sarx id-depozitu rikjest bl-artikolu 249 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, applikabbli ghall-procedura ta` ritrattazzjoni bis-sahha tal-artikolu 815 tal-istess Kap. 12. L-artikolu 249(1) imsemmi jesigi li dak id-depozitu ghandu jsir *"sa mill-anqas jum qabel ma jibda jinstema` dak l-appell"*; <u>ma jirrikjedix notifika anterjuri tal-ammont tal-garanzija</u>. Dan id-depozitu, bhala fatt, ma sarx fit-terminu tal-ligi.

Il-Qorti tosserva li, a terminu tal-artikolu 209(1) tal-Kap. 12, huwa dmir tal-appellant li jiccekkja hu kemm ghandu jkun l-ammont ta` depozitu u t-terminu li fih dan ghandu jsir. Dak l-artikolu, fil-fatt, jipprovdi b`mod tassattiv illi:

*"Fil-Qorti ta` l-Appell, jekk meta tissejjah il-kawza, jinstab li ma tkunx saret il-garanzija ghall-ispejjez tal-kawza kif provdut fl-artikolu 249, il-Qorti <u>ghandha minnufih</u> tghaddi biex tiddikjara l-appell dezert".*

Dan l-artikolu, allura, ma jipprovdix l-htiega li l-appellant jkun avzat formalment dwar l-ammont ta` depozitu.

Il-proviso ta` dan l-artikolu, umbaghad, jipprovdi li jekk ir-registratur ma jkunx stabbilixxa s-somma li ghandha tigi depozitata <u>u</u> (fil-verzjoni bl-ingliz *"and"*) ma jkunx gharaf b`dan lill-appellant, il-Qorti <u>tista`</u> taghti lill-appellant zmien qasir li fih huwa jkun jista` jgib il-garanzija. Dan il-proviso, jidher car, biex japplika jehtieg <u>zewg</u> cirkustanzi li jridu japplikaw kumulitivament, u cioe`, li r-registratur ma jkunx stabbilixxa s-somma li ghandha tigi depozitata <u>u</u> li l-appellant ma jkunx inghata avviz. Jekk, allura, tonqos wahda minn dawn il-kondizzjonijiet, dak il-proviso ma japplikax.

F`dan il-kaz, jirrizulta mill-process li l-ammont tad-depozitu gie stabbilit mir-registratur fit-2 ta` Gunju, 2005, jigifieri 20 jum qabel l-ewwel seduta tar-ritrattazzjoni, u allura l-proviso tal-artikolu 209(1) ma hux applikabbli, u l-appellanti, f`dan il-kaz, ma kellhomx dritt jinsistu li jkunu avvzati bl-ammont ta` depozitu.  Huwa dmir tal-appellanti/ritrattandi li jridu kull tant zmien jivverifikaw mar-registratur dwar l-appell/ritrattazzjoni minnhom interpost, u darba jirrizultalhom – bhal ma kellhom jirrizultalhom f`dan il-kaz – li r-registratur kien, fi zmien utili bizzejjed, iddetermina l-ammont tal-kawtela, huma kellhom jghaddu ghad-depozitu minnufih, u mhux jippretendu li jkunu avvzati formalment bl-ammont.

Kull min jiftah kawza jew iressaq appell m`ghandux jippretendi li l-amministrazzjoni tal-Qorti toqghod tigri warajh biex tara li dan iwettaq dak li trid il-ligi.  Kulhadd ghandu jsegwi l-procedura rikjesta, u min ma jafx x`titlob il-procedura ghandu jiehu l-pariri opportuni.  F`dan il-kaz, il-ligi trid li, min iressaq appell jew ritrattazzjoni, ghandu jaghmel depozitu bhala garanzija ghall-ispejjez, u sta ghall-appellant jew ritrattandi li jaghmel il-verifiki necessarji biex jottempera ruhu mal-ligi.

Inoltre, anke kieku kienu jezistu z-zewg cirkustanzi imsemmija fil-proviso ghall-artikolu 290(1), il-Qorti mhux obbligati taghti l-purgazioni ghan-nuqqas; hi tista` (fil-verzjoni ingliza *"may"*) taghti aktar zmien, izda mhux obbligata taghmel dan, u, fil-fehma ta` din il-Qorti, jekk lill-Qorti ma jirrizultalhiex raguni gravi ghaliex l-appellanti m`ghamilx il-verifiki li skond il-ligi kellu jaghmel, m`ghandhiex taghti lill-appellanti zmien ulterjuri biex isir id-depozitu rikjest.  In-nuqqas ta` notifika tal-kawtela mhux waheda raguni ghala l-Qorti ghandha taghti l-purgazione.

Mill-premess isegwi li l-Onorabbli Qorti tal-Appell, f`dan il-kaz, ghamlet sew li tiddikjarat r-ritrattazzjoni dezert, anke jekk kellu jirrizultala li l-appellanti Maria Attard ma kienitx irceviet avviz ta` kawtela.  Kif intwera, dan l-avviz mhux mehtieg bil-ligi, u darba kien jirrizulta li d-depozitu ma kienx sar sa jum qabel is-smiegh tal-kawza hi kellha

minnufih (fit-test ingliz *"shall forth with"*) tiddikjara l-kawza dezerta.

Kif intwera, f`dan il-kaz, mhux biss, mir-riferta tal-purtier, jidher li l-appellanti gew notifikati bl-avviz tal-appuntament u bl-ammont mehtieg ta` depozitu, izda dan hu ikkonfermat ukoll mir-rikors ghad-differiment li l-istess appellanti ipprezentaw jum qabel id-data tal-ewwel smiegh tal-kawza.

F`dan l-istadju ghandha ssir riferenza ghas-subartikolu (2) tal-artikolu 209 tal-Kap. 12. Dan is-subartikolu jipprovdi illi:

*"Jekk, wara li l-kawza tissejjah ghal tliet darbiet, ma tidher ebda wahda mill-partijiet jew mill-avukati taghhom, inkella jidher biss l-appellat jew l-avukat tieghu, il-Qorti tista` tiddikjara l-appell dezert. Izda, fuq talba ta` l-appellant, b`rikors li ghandu jigi pprezentat fi zmien tmient ijiem minn dak in-nhar li l-appell jigi ddikjarat dezert, il-Qorti tordna li l-kawza tigi mqieghda mill-gdid fuq il-lista biex tigi mismugha u maqtugha, kemm-il darba l-appellant, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, jiddepozita l-ammont ta` l-ispejjez li jkunu saru minhabba n-nuqqas tad-dehra tieghu"*.

Dan hu dak li gara f`dan il-kaz. Wara li l-kawza issejhet tliet darbiet, dehru biss ir-ritrattata u l-Avukat taghha; ir-ritrattandi George u Maria Attard ma deherux. L-Onorabbli Qorti tal-Appell, ghalhekk, iddikjarat il-kawza dezerta. Fit-terminu ta` 8 ijiem rikjest mill-ligi, ir-ritrattandi George u Maria Attard resqu rikors u talbu r-reappuntament mill-gdid tal-kawza ta` ritrattazzjoni. Skond dan is-subartikolu, dik il-Qorti kellha tordna (fit-test ingliz *"shall order"*) li l-kawza tigi mqieghda mill-gdid fuq il-lista biex tigi mismugha, pero`, <u>basta</u> li r-rikorrenti, fi zmien it-8 ijiem imsemmija, ikun iddepozita *"l-ammont ta` l-ispejjez li jkunu saru minhabba n-nuqqas tad-dehra tieghu"*. F`dan il-kaz, dan id-depozitu ma jirrizultax li qatt sar. Kwindi, r-rikors tas-27 ta` Ottubru, 2005, kellu jigi dikjarat irritu u null u lanqas biss kellu jigi kkunsidrat. Minn dan isegwi li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma kellhiex

tappunta r-rikors ghas-smiegh, ghax *ictu oculi* kien null, u x`setgha qal il-purtier in kwistjoni lill-Onor. Imhallef sedenti dik l-Onorabbli Qorti kien ukoll irrilevanti, peress li f`kull kaz ir-rikors tas-27 ta` Ottubru, 2005, kellu jigi michud. Il-kontenut tar-rikors ukoll ma jaghtix lok ghall-akkoljiment tieghu, peress li, kif intwera, anke jekk l-appellanti Maria Attard ma gietx notifikata bl-ammont tal-kawtela (dak li ma jirrizultax), xorta wahda il-provvediment tad-dezerzjoni kellu jinghata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Dina l-Qorti, ghall-kull buon fini, tixtieq tirrimarka li l-pretenzjoni li kull rikors ipprezentat ghandu jigi trattat f`xi udjenza, hija zbaljata u ma jregix. Illum, il-proceduri kollha quddiem dawn il-Qrati jridu jibdew b`rikors, pero`, hemm rikors u rikors. Fil-waqt li rikorsi li jkollhom hsieb jniedu procedura godda quddiem il-Qrati, jehtiegu smiegh u trattazzjoni orali, rikorsi li jsiru fl-atti ta` xi procedura li tkun ga nbdiet, jew taht xi ligi specjali (per ezempju, taht il-ligi tal-Kumpaniji) sakemm il-ligi ma tirrikjedix smiegh orali, mhux mehtieg li dejjem u f`kull kaz li jkunu appuntati ghas-smiegh. Sta ghall-Qorti aditta li tuza d-diskrezzjoni taghha, skond in-natura tal-materja sollevata, tittrattax il-materja fuq id-dokumenti jew tismaghax ukoll lill-partijiet oralment. F`dan il-kaz, meta kien car mill-atti, li r-ritrattandi Maria Attard kienet taf bl-ewwel appuntament tal-kawza, kienet taf, jew kellha tkun taf, bl-ammont iffissat mir-registratur bhala kawtela, u, di piu`, ma segwitx dak li trid il-ligi meta talbet ir-reappuntament tal-kawza, ma kienx mehtieg ta` smiegh orali, u l-Onorabbli Qorti tal-Appell setghet, kif ghamlet, tipprocedi ghad-dezerzjoni tal-kawza u ghac-cahda tar-rikors tas-27 ta` Ottubru, 2005, fuq l-atti.

Fid-dawl tal-konkluzzjoni milhuqa, l-Qorti ma tarax li hemm il-htiega li tittrata l-kwistjonijiet sollevati mill-intimati dwar il-legittimu kontradittur ghat-talba tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------